



L-ETV taħt il-Lenti

MALTA

## L-ETV f'Malta

Ir-responsabbiltà ġenerali għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) f'Malta hija tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE). Il-Ministeru għat-Turiżmu huwa inkarigat mill-ETV għas-settur tat-turiżmu. Iż-żewġ entitajiet statali prinċipali - il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) - huma istituzzjonijiet ta' awto-akkreditazzjoni li joffru L-ETV mingħajr ħlas. In-numru tal-fornituri privati tal-ETV qed jiżdied.

Biex tiġi implimentata l-istrategġija tal-edukazzjoni 2014-2024, li tenfasizza l-irwol tal-ETV biex tiżdied l-effikaċja u l-kwalità, biex titrawwem l-inklużjoni u biex iktar żgħażaġh jibqgħu jistudjaw, għaddejja riforma tal-qafas legali. Din se twassal għal att ġdid dwar l-edukazzjoni li jkopri prinċipji ewlenin, att regolatorju speċifiku, u atti separati li jirregolaw l-MCAST u l-ITS.

L-ETV hija disponibbli mil-livell obligatorju (fl-edukazzjoni sekondarja) 'il quddiem. Wara proġett pilota ta' suċċess, mill-2015 l-istudenti kollha fl-edukazzjoni obligatorja ta' bejn l-14 u s-16-il sena jistgħu jagħżlu żewġ suġġetti tal-ETV minn fost il-kummerċ agrikolu, l-ospitalità, l-IT, is-saħħa u l-kura soċjali, u l-inġinerija. Dawn jistimulaw l-għarfien tal-istudenti u l-interess fl-ETV fi stadju bikri u jgħinu biex l-istudenti jagħmlu jimxu 'l quddiem fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Wara li jitlejqu mill-edukazzjoni obligatorja, wieħed minn kull tliet żgħażaġh ta' 17-il sena jagħżel L-ETV.

Il-qafas Malti tal-Kwalifiki (QMK) jistabbilixxi l-parametri ġenerali għall-programmi tal-ETV fil-livelli 1-5 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) f'termini ta' distribuzzjoni ta' kompetenzi ewlenin (li jonqsu mal-livell), ħiliet tas-settur u t-teorija (it-tnejn jiżdiedu mal-livell). F'dawn il-livelli wieħed isib dawn il-programmi tal-ETV:

- għal dawk li m'għandhomx kwalifiki: programmi ta' ċertifikat ta' introduzzjoni u ta' fondazzjoni li jinkludu esperjenza ta' xogħol (ISCED-P 253; li jwasslu għal-livell QEK 1,2) li jagħtu aċċess għal programmi fil-livell tal-QEK li jkun imiss fl-istess qasam. L-iktar oqsma ta' studju popolari huma l-manifattura u l-kostruzzjoni u l-arti u l-umanitajiet;
- programmi ta' sentejn ibbażati fil-kulleġġ (ISCED-P 353, li jwasslu għal-livell 3 tal-QEK) għal dawk li għandhom ċertifikati tal-fondazzjoni u dawk li għandhom livell 2 tal-QEK tal-edukazzjoni obligatorja. Dawn jinkludu xi tagħlim ibbażat fuq il-post tax-xogħol u jagħtu aċċess għal programmi fil-livell li jkun imiss. Ħafna gradwati jispiċċaw bi


kwalifika fl-ICT, fis-saħħa u l-benesseri jew fin-negozju, l-amministrazzjoni u l-liġi;

- skemi ta' apprendistat ta' sena jew sentejn (ISCED-P 353, li jwasslu għal-livell 3 tal-QEK) li jsegwu l-programmi ta' fondazzjoni. L-iskemi huma rregolati permezz ta' kuntratti bejn l-istudenti, min iħaddem u l-MCAST. L-ammont ta' tagħlim fuq il-post tax-xogħol mhuwiex regolat, ivarja skont il-qasam ta' studju u huwa stabbilit mill-kulleġġ. L-apprendisti jirċievu remunerazzjoni għat-taħriġ fuq ix-xogħol mingħand min iħaddimhom u stipendju mill-gvern;
- programmi fil-livell 4 tal-QEK (ISCED-P 454) (ibbażati fil-kulleġġ, sentejn; skemi ta' apprendistat, sentejn jew tliet snin) għal studenti li għandhom kwalifika ġenerali jew fl-ETV fil-livell 3 tal-QEK. Xi programmi jistgħu jiġu segwiti fil-kulleġġ jew bħala apprendistat;
- programmi ta' sentejn ibbażati fil-kulleġġ li jwasslu għal diploma ogħla fl-ETV (ISCED-P 554, livell 5 tal-QEK).

L-ETV ogħla tinkludi programmi ta' Baċċellerat ta' tlieta jew erba' snin (ISCED 655, li jwasslu għal-livell 6 tal-QEK) li jiffru opportunitajiet għal programmi ta' Master akkademiċi speċifiċi. Fost il-gradwati tal-Baċċellerat tal-ETV 2014/15, iktar minn 60% temmew programmi fl-arti u l-umanitajiet jew fl-ICT u 13% avvanzaw minn programmi ta' fondazzjoni. Dawk li għandhom diploma ogħla tal-ETV (ekwivalenti għal grad wara l-ewwel sentejn ta' programm universitarju) li għandhom rekwiżiti tad-dħul jistgħu jidħlu fit-tielet sena ta' programmi ta' Baċċellerat fl-ETV. Studenti tal-ITS li għandhom livell ta' kwalifika 5 tal-QEK jistgħu jsegwu grad ta' Baċċellerat fit-turiżmu fl-Università ta' Malta. Programmi ta' grad fl-ETV huma wkoll ipprovduti mid-dipartiment tal-infermiera tal-università.

ETV kontinwu huwa prinċipalment ipprovdut mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja tal-MEDE, l-MCAST u l-ITS. Ħafna mill-korsijiet huma *part-time* u jsiru filgħaxija. Għalkemm dawn ma jwasslux għal kwalifika sħaħ, il-QMK jippermettilhom jiġu kklassifikati fil-livelli 1-5 tal-QEK, bil-għan li jagħtu valur lit-tagħlim kollu. *Jobsplus*, is-servizz pubbliku għall-impjieg, joffru tagħlim għall-adulti mmirat l-iktar lejn persuni qiegħda. Klawso li tal-maturità jippermettu lil studenti adulti jidħlu fi programmi tal-MCAST u tal-Università ta' Malta. Intervisti (u f'xi każijiet test bil-miktub) jintużaw biex jevalwaw għarfien u esperjenza preċedenti.

# L-ETV fis-sistema edukattiva u ta' taħriġ f'Malta



## Karatteristiċi ewlenin tal-ETV

ETV f'Malta issib appoġġ sħiħ minn diversi oqsma. Il-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija, l-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem u l-unions huma involuti u qegħdin fuq il-bordijiet ta' entitajiet statali li joffru l-ETV. Ħafna minn fost dawk li jħaddmu jippromwovu l-apprendistati, filwaqt li għaddej djalogu bejn min jipprovi l-ETV u l-industrija dwar it-tfassil tal-kwalifiki.

L-iżvilupp tal-eċċellenza fl-ETV u l-edukazzjoni ogħla permezz tar-riċerka, il-liċenzjar effettiv, l-akkreditazzjoni tal-programmi, l-assigurazzjoni tal-kwalità u r-rikonoxximent tal-kwalifiki ġie afdat f'idejn istituzzjoni unika stabbilita fl-2013:

il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ulterjuri u Ogħla (NCFHE). Il-Kummissjoni taġixxi bħala ħolqa bejn il-gvern u l-ETV u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, tinkoraġġixxi djalogu mal-partijiet interessati, u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-QMK.

Malta kienet l-ewwel pajjiż tal-UE li rabat il-qafas tal-kwalifiki tiegħu mal-QEK u l-QF-EHEA fl-2009. Il-QMK kien katalista għall-bidla mill-użu ta' kwalifiki Brittaniċi għall-użu ta' kwalifiki nazzjonali li issa qed jintużaw b'mod wiesa' fl-edukazzjoni u t-taħriġ u fis-suq tax-xogħol. L-iżvilupp tal-QMK mexxa id f'id mat-tisħiħ tal-kultura ta' kwalità fl-ETV u qed juri li huwa għodda sistemika mill-aqwa u bażi soda għall-validazzjoni tal-ħiliet. It-twaqqif riċenti ta' diversi taqsimiet għall-ħiliet settorjali huwa pass ieħor lejn it-trawwim tal-kwalità li jippermetti t-tfassil ta' standards tax-xogħol, jirrikonnoxi t-tagħlim mhux formali u informali f'iktar setturi, u jstabbilixxi standards għal min jipprovi l-ETV.

Il-ħtiġijiet ta' ħiliet ta' tbassir huma essenzjali għall-politika bbażata fuq l-evidenza, iżda huma wkoll sfida billi investiment settorjali wieħed jista' jikkawża bidliet ekonomiċi sostanzjali. It-tagħrif dwar il-ħiliet qed jiżviluppa gradwalment, b'inizjattivi reċenti jespandu l-bażi ta' evidenza u jgħinu fornituri tal-ETV jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-indiċi tal-impjegabbiltà u l-istudju tal-intraċċar tal-gradwati li saru fl-2015 wasslu għal iktar għarfien dwar it-tranżizzjoni ta' studenti tal-ETV lejn is-suq tax-xogħol u jagħtu informazzjoni dwar għażliet edukattivi u tal-karriera. Fl-2016, Jobsplus, l-NCFHE u Malta Enterprise nedew sħarriġ dwar il-ħiliet fost min iħaddem biex jipplanaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet attwali u futuri tagħhom.

## Sfidi u reazzjonijiet politiċi

Popolazzjoni li qed tixxjeh, livell baxx ta' qgħad u tkabbir ekonomiku qawwi xprunat minn setturi emerġenti, tat-turiżmu u tal-kummerċ bħall-i-gaming, servizzi finanzjarji, servizzi legali u ta' kontabilità u l-manutenzjoni tal-ajruplani, qed iwasslu għal skarsezza ta' ħiliet. Min iħaddem qed jiffaċċja diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' ħaddiema tas-sengħa fl-oqsma tas-saħħa, finanzjarji u l-ICT u ta' spiss jiddependi fuq ħaddiema barranin biex jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu.

L-għan ewlieni tal-ETV u tal-politiki dwar l-impjiegi huwa li tiżdied il-provvista ta' ħaddiema tas-sengħa billi żgħażaġh jiġu mgħejjuna jtemmu l-edukazzjoni jew it-taħriġ - u jagħmlu tranżizzjoni b'suċċess għall-impjiegi - u biex iżid l-impjiegi fost persuni inattivi li qed jixxjeh. Leġiżlazzjoni ġdida li ssaħħaħ ir-regolamentazzjoni tal-apprendistat u tat-tagħlim ibbażat f'post tax-xogħol - iggwidata mir-reviżjoni tal-apprendistat tas-Cedefop - hija parti mill-miżuri.

It-tluq qabel iż-żmien mill-edukazzjoni u t-taħriġ skolastiku (ESL) naqas b'rata iktar mgħaġġla minn ta' ħafna pajjiżi oħrajn, iżda b'19.8% fl-2015 għadu t-tieni l-ogħla fl-UE. Miżuri biex dan jitnaqqas jinkludu mira nazzjonali tal-ESL ta' 10% li għandha tinkiseb sal-2020, pjan strateġiku ta' prevenzjoni imniedi fl-2014, u koordinazzjoni msaħħa u monitoraġġ tal-progress fil-ministeru għall-edukazzjoni u x-xogħol. Għażliet ġodda għat-tieni ċans, inkluż it-tagħlim ibbażat fil-post tax-xogħol, ġew stabbiliti u l-appoġġ għall-għalliema żdied.

L-introduzzjoni ta' suġġetti vokazzjonali fl-edukazzjoni sekondarja kien ukoll pass importanti fil-prevenzjoni tal-ESL billi pprovdew mogħdijiet alternattivi ta' tagħlim; iżda s-sistema attwali għadha bbażata fuq soluzzjoni waħda għal kulħadd u għad hemm nuqqas ta' parità ta' stima bejn binarji ta' tagħlim tradizzjonali/akkademiku u vokazzjonali/applikati.


Ir-riforma ppjanata għall-2019/20 għandha l-intenzjoni li tagħmel it-tagħlim iktar inklussiv, flessibbli u mingħajr sqaqien li ma jwasslu mkien, biex tagħti opportunitajiet liż-żgħażaġh biex jiżviluppaw l-impjegabbiltà u l-ħiliet għall-iżvilupp personali u soċjali.

It-tisħiħ tal-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja, li huwa ħafna inqas mill-mira UE2020, hija prijorità tal-gvern. L-istrateġija nazzjonali għal-LLL 2020, adottata fl-2014, twitti t-triq biex tagħti s-setgħa lil nies permezz ta' approċċi ta' tagħlim iktar personalizzati u nnovattivi. Moduli onlajn bla ħlas li ġew introdotti riċentement fl-MCAST komplew iwessgħu l-offerta ta' tagħlim. Twaqqaf kunsill nazzjonali tal-ħiliet biex jiżviluppa u jikkordina inizjattivi ġodda mmirati lejn il-ħolqien ta' kondizzjonijiet u inċentivi aħjar għat-tagħlim tul il-ħajja.

## L-Edukazzjoni u t-taħriġ f'ċifri

**Studenti tas-sekondarja  
ogħla (ISCED 2011 livell  
3) li rreġistraw fi  
programmi vokazzjonali  
u ġenerali**

% tal-istudenti kollha  
fl-edukazzjoni sekondarja  
ogħla, 2014




NB: 47.4% hija l-media provizoria tal-UE qgħall-2014 ibbażata fuq data disponibbli tal-pajjiżi (27 pajjiż).

Għadd sinifikanti ta' studenti tal-ETV f'Malta mhumiex ikkunsidrati hawnhekk billi dawn jieħdu sehem fi programmi fil-livell ISCED 4. Filwaqt li hemm programmi b'dimensjoni vokazzjonali fi l-Irlanda fil-livell ISCED 3, dawn huma kkunsidrati programmi ġenerali.

Sors: Kalkoli tas-Cedefop, ibbażati fuq il-Eurostat, il-qbir ta' data UOE dwar sistemi edukattivi, data ta' estrazzjoni 30.9.2016.

## It-tagħlim tul il-ħajja


% tal-popolazzjoni ta' bejn 25 u 64 li qed jipparteċipaw fl-educazzjoni u t-taħriġ fuq perjodu ta' erba' ġimgħat qabel l-iżħarriġ, 2015



Sors: Eurostat. Labour Force Survey. data tal-estrazzjoni 30.9.16

**Dawk li jitolqu  
mill-edukazzjoni u  
t-taħriġ qabel iż-żmien**

% ta' dawk li jitolqu  
mill-edukazzjoni u t-taħriġ  
qabel iż-żmien, 2015




NB: L-affidabilità baxxa fl-HR; id-definizzjoni tal-miri nazzjonali tvarja fl-ES.

Sors: Labour Force Survey tal-Eurostat, data tal-estrazzjoni 30.9.2016.

## Rati tal-impjieg tal-gradwati żgħażaġħ

% ta' dawk bejn l-20 u l-34 sena li m'għadhomx fl-edukazzjoni u t-taħriġ, 2015



■ Edukazzjoni sekondarja oġġla u post-sekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4) – vokazzjonali

Edukazzjoni sekondarja oġġla u post-sekondarja mhux terzjarja (livelli 3 u 4) – ġenerali

▲ Ingas minn primaria, primaria u sekondaria (livelli 0-2)

Sors: Eurostat, Labour Force Survey, data tal-estrazzjoni 14.10.16.



## Iktar tagħrif

- Cedefop (2017). *Vocational education and training in Malta: short description*. <http://www.cedefop.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/4151>
- Cedefop (2015). *Apprenticeship review: Malta. In pursuit of quality and relevance: revitalising apprenticeship*. <http://www.cedefop.europa.eu/en/publications-and-resources/publications/4139>
- Eurydice (2016). Malta: overview. In European Commission (ed.). *Eurypedia*. <https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/mwikis/eurydice/index.php/Malta:Overview>
- Ministry for Education and Employment (2015). *Employability index 2015*. <https://jobsplus.gov.mt/resources/publication-statistics-mt-mt-en-gb/publications/research-publications/employability-index-report>
- Ministry for Finance (2016). *National reform programme*. <https://mfin.gov.mt/en/Library/Documents/NRP/NRP2016.pdf>
- National Commission for Further and Higher Education (2016). *Referencing report: referencing the Malta qualifications framework (MQF) to the European qualifications framework (EQF) and the qualifications framework of the European higher education area (QF/EHEA)*. Fourth revised edition. <https://ncfhe.gov.mt/en/Documents/Referencing%20Report/Referencing%20Report%202016.pdf>
- National Commission for Further and Higher Education, Malta Enterprise, Erasmus+, and Jobsplus (2016). *National employee skills survey*. <https://ec.europa.eu/epale/en/content/national-employee-skills-survey-malta>
- National Commission for Further and Higher Education (2016). *Graduate tracer study: final report*. <https://ncfhe.gov.mt/en/research/Documents/Graduate%20Tracer%20Study/Graduate%20Tracer%20Study.pdf>
- National Commission for Further and Higher Education (2016). *Further and higher education statistics 2014-15*. <http://ncfhe.gov.mt/en/research/Documents/Further%20and%20Higher%20Education%20Statistics/Further%20and%20Higher%20Education%20Statistics%20Report%202014-2015.pdf>

|                                                                              |                                                                               |
|------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------|
| <a href="http://www.education.gov.mt">www.education.gov.mt</a>               | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol                                     |
| <a href="http://www.lifelonglearning.gov.mt">www.lifelonglearning.gov.mt</a> | Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u Dawk li Jħallu l-Iskola Kmieni         |
| <a href="http://www.ncfhe.org.mt">www.ncfhe.org.mt</a>                       | Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ulterjuri u Ogħla                 |
| <a href="http://www.jobsplus.gov.mt">www.jobsplus.gov.mt</a>                 | JobsPlus (Servizz pubbliku għall-impjegji)                                    |
| <a href="http://www.nso.gov.mt">www.nso.gov.mt</a>                           | Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika                                           |
| <a href="http://www.um.edu.mt/matsec">www.um.edu.mt/matsec</a>               | Bord tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja |
| <a href="http://www.mcast.edu.mt">www.mcast.edu.mt</a>                       | Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija                                  |
| <a href="http://www.its.edu.mt">www.its.edu.mt</a>                           | L-Istitut għall-Istudji Turistiċi                                             |
| <a href="http://www.eupa.org.mt">www.eupa.org.mt</a>                         | Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea                                         |
| <a href="http://www.refernet.org.mt">www.refernet.org.mt</a>                 | ReferNet Malta                                                                |

Din il-Lenti hija msejsa fuq tagħrif mgħoddi minn ReferNet Malta.



CEDEFOP

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp  
ta' Təħriġ Professionali

Europe 123, 570 01 Thessaloniki (Pylea), IL-GREĊJA  
PO Box 22427, 551 02 Thessaloniki, IL-GREĊJA  
Tel. +30 2310490111, Fax +30 2310490020, E-mail: [info@cedefop.europa.eu](mailto:info@cedefop.europa.eu)

Copyright © Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Təħriġ Professionali (Cedefop), 2017  
Id-drittijiet kollha huma riservati.

[www.cedefop.europa.eu](http://www.cedefop.europa.eu)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN: 978-92-896-2278-3



9 789289 622783